KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 67, miżmuma nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech Sindku (17.30
- Daniel Grima Viċi Sindku (17.38)
- Graziella Galea Kunsillier (17.30)
- Alfred Grima Kunsillier (17.30
- Rodney Galea Kunsillier (17.30)
- Joseph Vella Kunsillier (17.30)
- Antoinette Bezzina Kunsillier (17.30)
- Edward Bugeja Kunsillier (17.30)
- Paul Bugeja Kunsillier (17.30)
- Robert Piscopo Kunsillier (18.00)
- Stephen Cremona Kunsillier (17.45)

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar Kunsillier
- Dounia Borg Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**Minuti 67**

**67.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera;
Dounia Borg; raġunijiet personali.

**67.2** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Minuti laqgha **64 (ii)** 7/08/2018

**Pagna 3 (64.3.1) Ittra ta' rizenja minn impjieg** Il-Kunsillier A.Grima talab li tizdied il-kelma "*Agent*" qabel il-kliem "Segretarju Ezekuttiv"

**Pagna 5 - 64.3.10 Alterazzjoni ta' Bankina** Il-Kunsillier Alfred Grima talab biex fejn hemm miktub "Il-Kunsillier Alfred Grima ma qabilx", jiżdiedu l-kliem "*mal-communications mitluba*", u titneħħa l-aħħar biċċa *"ġie deċiż li jiġi kkonsultat il-perit ta' Transport Malta".*

**Pagna 5 - 64.4 Indafa Pubblika** Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jidħol dan is-segwenti "*il-Kunsillier Paul Bugeja semma li l-kuntrattur Sergio Borg m'għandux jingħata xogħol ta' ġbir ta' skart"*

Ippropona ukoll li jizdied "*li s-Sindku kkonfermat li ngħataw 43 taħrika mill-Pulizija*" .

Il-Kunsillier Graziella Galea ppproponiet li jizdied dan segwenti "*Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li ddiffikultajiet li rrimarkat hi qabel ma beda l-Blitz, fil-fatt, seħħew*".

**Pagna 6 - 64.5 Hatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv** Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li fiz-zewg voti dwar il-kariga ta' Ms Elke Sghendo jizdied l-isem tal-Kunsillier Rodney Galea.

**Paġna 7 - 64.10 Korsijiet fil-Muzika** Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li jizdied "*il-kunsill qabel*"

**Paġna 7 - 64.11 Sitwazzjoni ta' toroq vis a vie tenders skaduti** Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jinbidel il-paragrafu kollu. Propona li jinqara hekk: "*Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li s-sitwazzjoni ta' Triq il-Kaħli, Triq id-Duluri u oħrajn, huma gravi u perikolużi. Huwa spjega li fil-fehma tal-perit, it-Tender eżistenti huwa għal patching ordinarju. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li t-Tender mhux qiegħed għal patching biss. Is-Sindku Anne Fenech qalet li xtaqet tiskuża ruħha minħabba li hi fehmet li l-patching jista jsir mingħajr approvazzjoni sa' 50m x 50m u mhux 50m2 . Il-Kunsillier Alfred Grima kompla jgħid li staqsa lill-Perit huwiex possibbli tingħata sodda konkos, sabiex ix-xogħol ikun sod, bil-Perit jgħid li biex isir xogħol hekk, għandu jsir intervent minn WSC. Il-Kunsillier Stephen Cremona qal li jippreferi li jsir xogħol sewwa mill-ewwel. Il-Kunsilliera qablu li b'rispett għas-saħħa u s-sigurta', il-Kunsill għandu b'obbligu jibda dan ixxogħol tant meħtieġ fi Triq il-Kaħli, Triq id-Duluri, kif ukoll Triq Għawdex.*"

Ippropona ukoll li jizdied "*Illi l-accountant tintalab tgħid kemm hemm finanzi allokati għat-tiswijiet tat-toroq fil-lokalita' li jistgħu jintużaw immedjatament, u l-Perit jintalab joħroġ stima biex tissewwa Triq il-Kaħli.*"

Il-kunsill approva dawn il-korrezzjonijiet

Minuti **65 -**10/08/2018

**Pagna 2 (65.1)** il-Kunsillier Alfred Grima ssuġġerixxa li bejn il-kelmiet "*kinitx" u "inizjalata*" tiżdied il-kelma *"la".*

Wara l-kelma "*iżda"* u qabel l-isem" *Angelo Bezzina*" jizdiedu l-kliem *"mibgħuta mingħand"*.

**Pagna 2 (65.2) Sotto Kumitat Żgħażagħ** Il-Vici Sindku Daniel Grima ppropona li jizdied "*iżda l-Viċi Sindku qal li ma qabilx ma' dak il-parir tal-Avukat"*

Il-Kunsillier Joseph Vella ppropona li wara l-kliem "*il-kollegi tieghu*" jizdiedu l-kliem "*kunsilliera tal-PN*"

**Pagna 3 (65.2) Sotto Kumitat Żgħażagħ** Il-Kunsillier Joseph Vella ppropona li wara l-kliem "*ma qabilx ma' li qal l-Avukat* jizdied "*li l-Kunsillier Joseph Vella fakkar li l-Viċi Sindku kien lest li jmexxi l-Laqgħa, sakemm il-Kunsillier Joseph Vella jiskuża ruħu miegħu, anke jekk il-laqgħa kienet kontra l-Liġi"*

**Pagna 3 (65.2) Sotto Kumitat Żgħażagħ** Il-Viċi Sindku Daniel Grima talab li wara l-isem "*Dounia Borg*"  jizdied *" u s-Sindku*".

Il-kunsill approva dawn il-korrezzjonijiet

Korrezzjoni ta' minuti Laqgħa 66, gie approvat li jitilaw fil-laqgħa li jmiss, peress li ntbagħtu eżatt qabel il-laqgħa.

**Punti mill-minuti**
Il-Kunsillier Edward Bugeja staqsa jekk il-Kunsill iddeċieda biex il-pjazza tingħalaq għall-vetturi, għaliex dan għadu ma sarx?
Is-Segretarju Ezekuttiv informatu li l-proċess beda'.

**Pagna 3 (64.3.3) re-Harley Davidson** Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk il-korrispondenza hijiex datata.

**67.3** – **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**67.3.1 Malta & Gozo – Battle's Over** – 100th Anniversary of the end of World War I Jixtiequ li l-Knejjes idoqqu l-qniepen għal 10 minuti b'tifkira fil-25 t'Ottubru, bl-aħħar ħin ikun is-18.55hrs
Il-kunsill qabel sakemm il-Knejjes jaqblu.

**67.3.2 Ex-McDonald's hoarding** – Talba biex il-hoarding joħroġ 'il-barra minħabba li ser jibda x-xogħol. Il-Kunsillier Alfred Grima talab kopja tal-korrispondenza, ssuggerixxa li dan jista jaħdem nofs is-sit, umbagħad ikompli n-nofs l-ieħor, u b'hekk il-hoarding ma jintmissx.
Il-Viċi Sindku Daniel Grima ssuġġerixxa li din għandha titla f'laqgħa oħra u naraw x'kienet id-deċiżjoni ta' qabel. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dan għandu jħallas l-ammont li suppost qed iħallas għall-hoarding. Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li sakemm din l-item terġa titla fil-laqgħa li jmiss, jixtieq li l-Kunsilliera jkollhom bil-miktub l-ammonti kemm ġew imħallsa.
Il-Kunsillier Alfred Grima għamel statement li kull meta tittella item waqt laqgħa, għandha tittella l-informazzjoni kollha.

**67.3.3 Controlled Parking Scheme** - **Triq Burmarrad** Talba għal miżura għal tnaqqis ta' sewqan veloċi fejn hemm il-ħwienet fl-entry point of triq Burmarrad mill-Mosta

Il-kunsill fakkar li din it-triq taqa' that TM.

**67.3.4 Imejl minghand Ms Maria Mifsud ta' triq il-Qalb ta' Ġesu'** rigward li daħlilha l-ilma tax-xita, minħabba l-livell tat-triq u wara resurfacing. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li l-Perit kien qal li dan mhux tort tar-resurfacing. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li kien hemm resident li kien ġralu l-istess u l-Perit kien tal-fehma li l-bankina kienet saret mir-resident stess, biss is-sid innega.
Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-Kunsill kien iddeċieda li din il-bankina għandha ssir kollha kif tgħid il-liġi u mhux biċċa 'l fuq u biċċa l'isfel. Is-Sindku ssuġġeriet li jintbagħat il-Perit biex jiċċekkja l-bankina kollha u jibghat rapport lill-Kunsill. Kien hem qbil unanimu.

**67.3.5 AKL – Sponsorships to attend intl. events** Minn Ottubru fuq TVM ser jibda jixxandar programm wara nofsinhar, b'Kunsill kontra Kunsill ieħor. Qbil li tintbagħat korrispondenza għal iktar informazzjoni.

**67.3.6 AKL – Masters AKL – Għotja ta' Demm - Ħlas tal-kontijiet tad-dawl.**
Is-Sindku nfurmat b'dan l-attivitajiet. Qbil li tintbagħat ittra minhabba li għal issa l-kunsill ma ghandux staff biżżejjed biex jiġu aċċettati pagamenti ta' kontijiet tad-dawl.

**67.3.7 Stedina għal konferenza l-Italja** Is-Sindku nfurmat li hi mistiedna tattendi.

**67.3.8 Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl il-Baħar** Talba ghal no objection biex isir il-Monument ta' San Pawl fir-roundabout t'Erba' Mwieżeb. Qbil unanimu għal No Objection.

**67.4 – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**67.4.1 Pjazza ta' Bugibba** - Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li l-permess li ħareġ mill-PA, jiġi nfurzat kemm jista jkun malajr. Jixtieq ikun jaf x'sar f'dawn l-aħħar ġimgħatejn f'dan ir-rigward, minħabba li s'issa l-pjazza ta' Bugibba għadha miftuħa. Issugerixxa li permessi għal makkinarji fil-pjazza ta' Bugibba jridu jkunu bi gwardjan għas-sigurta'.

Sal-1 t'Ottubru jixtieq li l-aċċess għal-pjazza għandu jkun magħluq. Il-Kunsillier Graziella Galea staqstiet jekk hawnx min għandu kunflitt ta' interess dwar din il-Pjazza ħadt ma iddikjara Kunflitt ta' interess.

Il-Kunsillier Edward Bugeja ssuġġerixxa li għandhom jitpoġġew blokki tal-konkos sakemm jinġabu l-bollards. Il-Kunsillier Stephen Cremona qal li qsari jkunu aħjar minn blokki ta' dak it-tip. Il-Viċi Sindku Daniel Grima għadda punt li fil-pjazza hemm nuqqas ta' bins, u jekk jitpoġġew pots, dawn ser jispiċċaw bins.
Il-kunsillier Alfred Grima talab kjarifika dwar is-segwenti mistoqsijiet;

1. Ikun korret jekk wiehed jghid illi waqt ir-reconciliation li ssir mill-kunsill instabu diversi zbalji finanzjarji? Jekk fil-pozittiv napprezza tindika l-ammonti nieqsa/zejda li gew rregistrati fl-ahhar 4 xhur.
2. Ikun korret jekk wiehed jghid li fl-attivita tal-Karnival instabu ukoll finanzi neqsin? Jekk fil-pozittiv napprezza tindika l-ammont.
3. Ikun korret jekk wiehed jghid li f'bosta okkazzjonijiet min kellu l-inkarigu li jirregista l-bulky naqas milli jaghmel dan bil-konsegwenza li l-affarijiet inkwistjoni baqaw ma ngabrux?
4. Ikun korret jekk wiehed jghid li prattikament dawn in-nuqqasijiet kollha gew mehudin mill-istess persuna fi hdan il-kunsill?

18.50 – Il-Kunsillier Stephen Cremona telaq mil-Laqgħa.

**67.4.2 Bank li kien fi triq San Pawl** Is-Segretarju Ezekuttiv bgħatet korrispondenza u ħarġet kwotazzjonijiet għal bank.

**67.4.3 Uzu tal-vetturi tal-kunsill** Il-Kunsillier Rodney Galea qal li jekk tidħol ċitazzjoni l-kunsill minħabba li kien hemm iktar minn 3 persuni fil-vann tal-Kunsill, din għandha titħallas mix-xufier, għax kemm-il darba jinzerta 4 ħaddiema fil-vann.

**67.4.4 Zjara miz-zaghhzagh f'Aiya Napa** Il-Kunsillier Daniel Grima staqsa rigward imejl li ntbagħtet mingħand is-Segretarju Ezekuttiv lis-Sindku, lill-Kunsilliera, li pero' hu u l-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg ma kienux ikkupjati.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq Point of Order minħabba li l-Kunsillier Graziella Galea tablet korrispondenza lis-Segretarju Eżekuttiv meta hi stess naqset li tipprovdiha hekk kif hu kien talab fir-rigward tal-bandli Thalassalejn, meta hi kienet Sindku.

Il-Kunsillier Graziella Galea għamlet punt fuq imejl mingħand is-Segretarju Ezekuttiv, rigward korrispondenza lill-Kunsill t' Aiya Napa. Tixtieq li s-Segretarju Eżekuttiv tispjega min hu Clayton Bartolo, minħabba li kien ikkupjat fil-korrispondenza u mhux Kunsillier.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina tixtieq risposta fil-laqgħa li jmiss dwar il-ħarġa li ser issir għall-aħħar tax-xahar. Qalet, li l-ammont li nstabu neqsin kienu mill-prezz tat-trasport, minħabba li dejjem inzamm l-istess prezz. Il-Laqgħa ġiet sospiza sakemm is-Segretarju Ezekuttiv sabet il-korripondenza neċessarja. Il-laqgħa tkompliet.

Il-Kunsilliera Alfred Grima u Paul Bugeja huma tal-opinjoni li sakemm tiġi risolva l-problema tal-fondi, ma jsirux ħarġiet għall-anzjani. Is-Sindku staqsiet jekk tistax issir il-ħarġa t'Ottubru, u l-flus imorru dirett għand l-accounts. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li qed jinqalgħu dawn il-problemi għax l-iskeda tal-pagamenti m'għadhiex tinħadem kif kienet qabel. Jitniżżel eżatt l-ammont li daħal u l-ammont li ħareġ. Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jiżdied il-prezz b'€1 biex jinġabru għat-trasport. Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li r-residenti bil-karta tal-identita' fuq San Pawl il-Baħar u li għandhom il-karta anzjan, iħallsu kollox nofs prezz. Il-Kunsillier Robert Piscopo ssekondah. Il-kunsill qabel.

Il-Kunsillier Paul Bugeja talab,illi jekk ġew issussidjati l-ħarġiet, kemm kien l-ammont.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq punt li fir-rapporti, imkien m'hemm imniżżel sussidju. Il-ħarġa t'Ottubru ġiet posposta sakemm jingħata rendikont mitlub u l-ammont li ser jiġi sussidjat. Il-Kunsillier Graziella Galea xtaqet tagħmel statement pero l-Kunsillier Alfred Grima talab li dan ma jsirx minħabba li f'dan il-punt kienu qed jingħataw risposti għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Rodney Galea ssekondah.

**67.4 Wine & Fish Fest** Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li fil-Laqgħa li għaddiet, il-Kunsill approva l-attivita' Wine & Fish Fest mingħajr budget. Il-Kunsillier Joseph Vella kkonferma li kien hemm budget ta' €5,000, li mhux ser jintuzaw kollha.

Kompla qal li fl-2010, membru mill-Kunsill, li f'dak il-ħin kienet preżenti għal-laqgħa, siefret bir-Ryanair għal Madrid (item 1224),fejn l-istess persuna siefret ukoll Brussell (item 1225). Fi skeda ta' pagamenti oħra tal-2010, il-Kunsill ħallas ghal lunch mill-Gillieru Restaurant b'delegazzjoni minn Pollazzo, li f'dak iż-żmien ma kienx hawn ġemellaġġ. Item 1433 sar Youth Exchange ta' €3,000. Item 1827 saret safra oħra, għall-Bulgarija. Kull ma kien hemm miktub hu "daily substance allowance".

B'hekk il-Kunsillier Vella kien qed jitlob kjarifika. Virtu Ferries €770 Intl. Youth Exchange Reimbursement għall-Islovenja – siefru 7 min-nies. Il-Kunsillier Joseph Vella jixtieq ikun jaf jekk il-fond tal-ġemellaġġi hux fond pubbliku jew le.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li kemm-il darba bgħatet mistoqsijiet, u ma kellhiex risposta. Il-Kunsillier Paul Bugeja irrimarka li jekk il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet waqt laqgħa tal-Kunsill uffiċjalment, trid toħroġ risposta uffiċċjali fil-laqgħa. Il-Kunsillier Rodney Galea talab li l-Kunsilliera jkollhom kopja tal-imejls li bgħatet il-Kunsillier Graziella Galea, minħabba li m'humiex ikkupjati fil-korrispondenzi.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk fil-korrispondenza taghha,il-Kunsillier Graziella Galea talbitx ismijiet ta' min qata' l-biljett / min siefer. Jekk intalbu ismijiet huwa żball minhabba Data protection Act.

Is-Sindku infurmat li rċeviet imejl mingħand Ivan Camilleri minn Times of Malta rigward il-vista f'Ayia Napa. Hi qalet li bgħatita lill-Avukat, inkluz dettalji u l-posts ta' facebook kif ġew ippublikati, d-dettalji tal-membri tal-Kunsill taż-żgħażagħ. Hemm screenshot ta' post fuq facebook, waħda l-oriġinali u oħra emendata, fuq Times of Malta. L-Avukat talab spjegazzjoni.

Il-Kunsillier Robert Piscopo jemmen, li l-ewwel is-Sindku trid tirrispondi lill-ġurnalist u ma jistax jaqta' biċċa.

**67.5.1 – Youth Program Report** Qbil li għandha tintbagħat ittra mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Vella pproponi li jinbeda l-proċess legali kontra l-ġurnalist u Times of Malta. Il-Kunsillier Rodney Galea ssekondah. Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li l-Kunsill irid jinforma lill-Avukat xi jrid. Is-Sindku qalet li l-Avukat issuġġerixxa li hi twieġeb lill-ġurnalist fil-qosor u tinformah li aktar dettalji ser jingħataw iktar 'il quddiem.

Il-Kunsillier Alfred Grima għadda punt dwar li l-ġurnalista semma li favur il-vot kienu l-Kunsilliera Laburisti kollha u s-Sindku, meta dan mhux il-fatt, tant li l-vot gie 9 favur u 2 biss astjenew .

Il-Kunsillier Joseph Vella talab li l-kunsill imur ghal vot hekk kif propost

Favur: Sindku Anne Fenech, Viċi Sindku Daniel Grima, Kunsilliera Alfred Grima, Joseph Vella, Rodney Galea, Paul Bugeja, Robert Piscopo u Edward Bugeja

Astjenew: Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina u Graziella Galea

l-Kunsilliera Graziella Galea u Antoinette Bezzina ħarġu mil-laqgħa.

**67.12 – Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

Pagament 640i – Il-Kunsillier Rodney Galea staqsa rigward il-Wardija

Pagament 622i – flower arrangements / outdoor plants – Mater Dei and President of Malta

Pagament 624 – Il-Kunsillier A.Grima qal li fuq l-applikazzjoni tal-lift line tissemma persuna (Rita) li hadd ma jaf minn u ghalhekk qieghed jitlob kjarifika.

Pagament 626 – Visual Screens A.Grima fakkar li fil-laqgħa 38 il-kunsill approva tiswija ta' €516 fuq kull waħda.

Pagament 633 – Laptops Il-Kunsillier Alfred Grima approva xiri ta' 5 laptops u mhux 6 mingħalih li kien hemm ammont ta' €3000.

Pagament 641 – Accountant kont Awwissu 2018 : A.Grima staqsa jekk ir-rati hijiex skond it-tender jew stima u kemm sar hlas b'dan id-direct order sa issa?

– Public Convenience – Il-Kunsillier Joseph Vella qal likien hemm qbil li toħroġ quote għal xahar

63.10 Tmiem il-laqgħa Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 t'Ottubru 2018

<IFFIRMATA>
____________________
Anne – Marie Fenech
Sindku

<IFFIRMATA>
_________________________
Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv